**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 02/23**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 20 ta' Frar 2023 |
| **Ħin:** | 8:20pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (Sat-8:20pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Sat-8:20pm)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier (skużat)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Amanda Abela - Kunsilliera (skużata)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **02.01** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **02.02** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **02.03** | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **02.04** | **Proġetti;** |
| **02.05** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **02.06** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**02. 1. Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | Sindku: Approvazzjoni għad-depożitu ta' żewġ vetturi elettriċi | Is-Sindku resqet għall-approvazzjoni tal-kunsill l-ammont ta' €8,000 sabiex ikun jista' jingħata lil-Michael Attard Ltd bħala depożitu għal-vannijiet elettriċi li l-Kunsill ser jixtri b'direct order hekk kif ġie approvat mill-LESA. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li dan l-ammont jitħallas. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. 1. 2 | | Sindku: Laqgħa mas-Supretendent | Is-Sindku qalet li s-Supretendenta l-ġdida Sandra Zammit uriet ix-xewqa li ssir laqgħa u din saret fejn ġew diskussi l-problemi li l-kunsill ilu jiltaqa' magħhom. Tlabna sabiex nikkoperaw u naħdmu iktar flimkien. | |
| 02. 1. 3 | | Sindku: Tender tal-*accountant* | Is-Sindku qalet li l-proċess tat-tender tal-accountant ingħalaq u l-irħas wieħed kien mitfuħ mis-Sinjura Tania Ebejer. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. 1. 4 | | Sindku: Tender tal-Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li t-tender sabiex tiġi restawrata il-faċċata ta' Ġnien il-Kmandant qed jiġi maħdum u daqt jiġi finalizzat wara li ħadna l-fondi għalih. Caruana qal li fil-ġnien hemm bżonn li jiżdied id-dawl. | Segretarju Eżekuttiv / Chircop |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 1. | 5 | | Sindku: Tender tat-tindif tal-uffiċini tal-Kunsill Lokali | Is-Sindku qalet li għada t-Tlieta, 21 ta' Frar 2023 ser jiġi ppublikat it-tender tat-tindif tal-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Jistgħu jiġu sottomessi applikazzjonijiet sal-14 ta' Marzu 2023 sad-9:30am. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 1. | 6 | | Sindku: Xiri ta' vann | Is-Sindku qalet li kull skip li qed nikru qed tiswina mal-€200 l-waħda. Din qed tkun spiża enormi għalina u għalhekk qed jinħass il-bżonn li jinxtara vann bi spiża ta' massimu ta' €10,000 sabiex jintuża għal rimi ta' skart mill-urban areas u ġonna. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Baldacchino issuġerixxa li għandna ninvestu f'magna li titħan iż-żbir. Dan jista' jsir riżorża għax hawn domanda għalih. Dwar dan ser niċċekjaw. | |
| 02. | 1. | 7 | | Segretarju Eżekuttiv: Postijiet Vakanti għall-Executive Officers | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġew sottomessi biss żewġ applikazzjonijiet għal din il-pożizzjoni. Ser nipproċedu l-ingaġġ ta' Stefan Borg u Ann Marie Borg. | |
| 02. | 1. | 8 | | Sindku: Grow TENtrees u MOVE for trees | Is-Sindku qalet li l-Ħadd, 26 ta' Frar 2023 ser jitħawwlu diversi arbuxelli fl-akkwati ta' San Klement mill-Kunsill Lokali flimkien mal-Grow TENtrees u MOVE for trees. Dan ser isir bi prova biex ma jitlax ħaxix selvaġġ. Jekk tirnexxa, issir parti oħra. Ġew mistiedna wkoll it-tfal tal-iskola. | Sindku |
| 02. | 1. | 9 | | Segretarju Eżekuttiv: Ġnien il-Qawsalla | Caruana ġibed l-attenzjoni li dan il-ġnien nofsu ma' jixgħelx. Ittieħdet id-deċiżżjoni li għandna nqattgħu l-art sabiex jiġi rranġat id-dawl peress li fih ħafna ħsarat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |

**02. 2. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 2. | 1 | | | Ma kinx hemm iktar | |

**02 3 Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 3 | 1 | | Chircop: Fondi tal-Milied | Chircop qal li mill-fond tal-Milied baqa' €3000 li ma ġewx utilizzati. Chircop qal li għandha ssir talba lir-Reġjun sabiex issir xi ħaġa bihom. | Chircop |
| 02 | 3 | 2 | | Fenech: Ġemellaġ - Fond *Creative Europe* | Fenech qalet li ġiet avviċinata mis-Sur Ezio Ciciotti minn Celano sabiex isir ġemellaġ mal-Għaqda Mużikali Beland. Fenech qalet li għalkemm bħala kunsill nistgħu ngħinu fiha, għandna nikkunsidraw li jsir l-istess mal-Għaqda Banda Żejtun. | Fenech |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 3 | 3 | Chircop: Maniġġjar tat-traffiku fl-akkwati tas-suq | Chircop qal li rċevejna diversi lmenti li Triq Maria Stella caruana qed toħloq inkonvenjent wara li sar l-immaniġjar tat-traffiku l-ġdid. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li din tiġi kollha fuq iż-żewġ direzzjonijiet. | Chircop |

**02. 4. Proġetti;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 4 | 1 | | Sindku: Proposta ta' proġetti lil *Project Green* | Is-Sindku resqet lista ta' proġetti li ser jiġu mressqa għall-approvazzjoni sabiex isiru minn Project Green. Dawn huma Ġnien Brejgu, Ġnien iż-Żogħożija u Tal-Bellus kif ukoll Ħal Tmin, peress li l-fondi li ħadna għalihom mhumiex biżżejjed biex jitlestew il-proġetti. Baldacchino żied li hu ġab erbgħin (40) siġra sabiex jitħawwlu fejn hemm bżonn.<br>Is-Sindku qalet li qed nippruvaw nagħmlu l-pavimentar ta' Misraħ Sta. Marija minn *Infrastructure Malta*. Qed nistennew id-disinn tal-perit.<br>Ġew imdawwra l-pjanti ta' Ġnien Brejġu, il-pavimentar ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ħal Tmin.<br>Baldacchino ssuġerixxa li dawn jiġu ffirmati mill-kunsilliera bħala verifika li rawhom. Is-Segretarju qal li dawn jistgħu jiġu emendanti mill-*Planning Authority*. | Sindku |

**02. 6. *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 6. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 6. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 02/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 6. | 3 | | *Petty Cash* - Jannar 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €169.72 | Segretarju Eżekuttiv |

**02 9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu 2023 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |